**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru, 2020**

**Talba Nru: 59/2020PM1**

**Paul Farrugia (K.I. 107467(M)) u John Farrugia (K.I. 499868(M)) ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta 'Farrugia Lighting and Interiors'**

**Vs**

**Ghaqda Banda Zejtun**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar, 2020 permezz ta' liema l-atturi talbu illi l-Ghaqda intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef, seba'mija u tletin (€3730) rapprezentanti in kwantu ghal elf tlett mija u tmenin euro (€1,380) bilanc ta' prezz ta' merkanzija minnha ordnata u lilha kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsin euro (€2,350) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija li giet ordnata minnha u li taghha qiegheda tirrifjuta l-konsenja minghajr raguni valida fil-ligi u bi ksur ampju u manifest tal-ftehim milhuq u dana kif ser jigi muri mit-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri u kif ukoll skont il-fatturi bin-numri 1002716 u 1002715 ; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 123/19, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimata ingunta in subizzjoni.

Ra li l-Ghaqda intimata giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-Ghaqda intimata giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-25 ta' Settembru, 2020 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Sema' x-xhieda tal-attur Dr. Paul Farrugia li permezz taghha ikkonferma bil-gurament tieghu iz-zewg fatturi imsemmija fl-avviz oltre li ezebixxa l-istess. L-istess xhud iddikjara illi fil-mori l-Ghaqda intimata hallset is-somma ta'€1380 biex b'hekk l-ammont bilancjali li ghadu dovut minnha jammonta ghal €2350 oltre spejjez u imghaxijiet. Xehed ukoll li ghalkemm l-Ghaqda intimata iddikjarat li ser thallas l-ammont mitlub sal-lum hallset biss l-ammont imsemmi anke jekk il-merkanzija mertu tal-kawza giet debitament ikkonsenjata lill-istess Ghaqda intimata.

Ra illi, in vista ta'tali xhieda, ir-rapprezentant legali tal-atturi prezenta nota ta' riduzzjoni fejn gie dikjarat li l-ammont li ghadu dovut huwa dak ta' €2350.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat ukoll mir-rapprezentant legali tal-atturi fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2020 u fil-fatt l-Ghaqda intimata ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat bhala dovut mix-xhieda surreferita u kif ukoll mill-fatturi ezebiti (Dok. PF1 u PF2 rispettivament) u wkoll mill-istess ittra mibghuta mill-Ghaqda intimata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba kif ridotta u jikkundanna lill-Ghaqda intimata sabiex thallas lill-istess atturi is-somma mitluba kif debitament ridotta ta' elfejn, tlett mija u hamsin euro (€2,350) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u bl-imghax legali mill-5

ta'Marzu, 2020 data ta' notifika lill-Ghaqda intimata tal-kawza odjerna sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess Ghaqda intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**